IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 24.7.2026
COM(2026) 400 final

2026/0220 (BUD)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati wara applikazzjoni mill-Finlandja – EGF/2026/003 FI/Valmet Automotive

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

KUNTEST TAL-PROPOSTA

1. Ir-regoli applikabbli għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) huma stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/691 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013[1].
2. Fil-5 ta' Mejju 2026, il-Finlandja ssottomettiet l-applikazzjoni EGF/2026/003 FI/Valmet Automotive għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, wara s-sensji f'Valmet Automotive u f'ħames sottokuntratturi u fornituri fil-Finlandja.
3. Wara l-valutazzjoni li għamlet ta' din l-applikazzjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet li, f'konformità mad-dispożizzjonijiet kollha applikabbli tar-Regolament (UE) 2021/691, il-kundizzjonijiet għall-għoti ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG ġew issodisfati.

SOMMARJU TAL-APPLIKAZZJONI

Applikazzjoni tal-FEG	EGF/2026/003 FI/Valmet Automotive
Stat Membru	Il-Finlandja
Reġjun(i) ikkonċernat(i) (il-livell NUTS 2[2])	Länsi-Suomi (FI19)
Data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni	il-5 ta' Mejju 2026
Data tal-konferma tal-irċevuta tal-applikazzjoni	il-5 ta' Mejju 2026
Data tat-talba għal informazzjoni addizzjonali	il-21 ta' Mejju 2026
Skadenza għall-għoti tal-informazzjoni addizzjonali	it-12 ta' Ġunju 2026
Skadenza għat-tlestija tal-valutazzjoni	l-24 ta' Awwissu 2026
Kriterju ta' intervent	L-Artikolu 4(2), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2021/691
Intrapriża primarja	Valmet Automotive Oyj
Għadd ta' intrapriżi kkonċernati	6[3]
Settur tal-attività ekonomika ta' intrapriża primarja (diviżjoni NACE Reviżjoni 2)[4]	Id-Diviżjoni 29 (Manifattura ta' vetturi motorizzati, ta' trejlers u ta' semitrejlers)
Għadd ta' sottokuntratturi u ta' fornituri	5

[1] ĠU L 153, 3.5.2021, p. 48, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/691/oj.

[2] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni 2019/1755 tat-8 ta' Awwissu 2019 li jemenda l-Annessi tar-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS), ĠU L 270, 24.10.2019, p. 1-56.

[3] Is-sensji seħħew fil-perjodu ta' referenza fl-intrapriża primarja u f'fornitur wieħed, u barra mill-perjodu ta' referenza f'erba' sottokuntratturi.

[4] ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1.

Perjodu ta' referenza (4 xhur):	2 ta' Diċembru 2025 – 2 ta' April 2026
Għadd ta' sensji matul il-perjodu ta' referenza (*a*)	239
Għadd ta' sensji qabel jew wara l-perjodu ta' referenza (*b*)	21
Għadd totali ta' sensji (*a* + *b*)	260
Għadd totali ta' benefiċjarji eliġibbli	260
Għadd totali ta' benefiċjarji fil-mira	233
Baġit għal servizzi personalizzati (EUR)	663 850
Baġit għall-implimentazzjoni tal-FEG[5] (EUR)	20 000
Baġit totali (EUR)	683 850
Kontribuzzjoni tal-FEG (60 %) (EUR)	410 310

VALUTAZZJONI TAL-APPLIKAZZJONI

Proċedura

4. Il-Finlandja ssottomettiet l-applikazzjoni EGF/2026/003 FI/Valmet Automotive fi żmien 12-il ġimgħa mid-data li fiha ġew issodisfati l-kriterji ta' intervent stabbiliti fl-Artikolu 4(2), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2021/691, fil-5 ta' Mejju 2026. Il-Kummissjoni kkonfermat li rċeviet l-applikazzjoni fl-istess data u talbet informazzjoni addizzjonali mill-Finlandja fil-21 ta' Mejju 2026. Tali informazzjoni addizzjonali ngħatat fi żmien 15-il jum ta' xogħol mit-talba. L-iskadenza ta' 50 jum ta' xogħol mill-irċevuta tal-applikazzjoni kompluta li fiha l-Kummissjoni għandha tiffinalizza l-valutazzjoni tagħha tal-konformità tal-applikazzjoni mal-kundizzjonijiet għall-għoti ta' kontribuzzjoni finanzjarja, tiskadi fl-24 ta' Awwissu 2026.

Eliġibbiltà tal-applikazzjoni

Intrapriżi u benefiċjarji kkonċernati

5. L-applikazzjoni hija relatata ma' 239 ħaddiem issensjat, li l-attività tagħhom f'Valmet Automotive SA u f'wieħed mill-fornituri tagħha waqfet. L-intrapriża primarja topera fis-settur ekonomiku kklassifikat taħt id-Diviżjoni 29 tan-NACE Reviżjoni 2 (Manifattura ta' vetturi motorizzati, ta' trejlers u ta' semitrejlers). Is-sensji ngħataw fir-reġjun NUTS 2 ta' Länsi-Suomi (FI19).

Intrapriżi u għadd ta' sensji matul il-perjodu ta' referenza	
Valmet Automotive Oyj (Manifattura ta' vetturi motorizzati)	230
Compass Group Finland Oy (Attivitajiet ta' servizzi tal-ikel u tax-xorb)	9
Għadd totali ta' intrapriżi: 2 **Għadd totali ta' sensji:**	**239**

[5] F'konformità mal-Artikolu 7(5) tar-Regolament (UE) 2021/691.

Kriterji ta' intervent

6. Il-Finlandja ssottomettiet l-applikazzjoni skont il-kriterji ta' intervent tal-Artikolu 4(2), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2021/691, li jirrikjedi l-waqfien tal-attività ta' mill-anqas 200 ħaddiem issensjat fuq perjodu ta' referenza ta' 4 xhur f'intrapriża fi Stat Membru, inklużi ħaddiema ssensjati minn fornituri u produtturi downstream.

7. Il-perjodu ta' referenza ta' 4 xhur għall-applikazzjoni jibda fit-2 ta' Diċembru 2025 u jispiċċa fit-2 ta' April 2026.

8. Matul il-perjodu ta' referenza saru 239 sensja.

Kalkolu tas-sensji u tal-waqfien tal-attività

9. Skont l-Artikolu 6, l-ewwel paragrafu, il-punt (a), flimkien mal-Artikolu 5, l-ewwel paragrafu, il-punt (c), tar-Regolament (UE) 2021/691, il-waqfien tal-attivitajiet tal-ħaddiema ssensjati matul il-perjodu ta' referenza ġie kkalkolat mid-data tal-avviż individwali.

Benefiċjarji eliġibbli

10. Minbarra l-ħaddiema diġà msemmija, il-benefiċjarji eliġibbli jinkludu 21 ħaddiem issensjati li l-attività tagħhom waqfet qabel jew wara l-perjodu ta' referenza ta' 4 xhur. Dawn il-ħaddiema kollha waqqfu l-attività tagħhom matul is-6 xhur ta' qabel il-bidu tal-perjodu ta' referenza fit-2 ta' Diċembru 2025 jew bejn it-tmiem tal-perjodu ta' referenza u jum qabel l-adozzjoni ta' din il-proposta, skont l-Artikolu 6, l-ewwel paragrafu, il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2021/691. Tista' tiġi stabbilita rabta kawżali ċara mal-event li wassal għall-waqfien tal-attività tal-ħaddiema ssensjati matul il-perjodu ta' referenza, kif meħtieġ mill-Artikolu 6, it-tieni paragrafu, tar-Regolament (UE) 2021/691.

11. L-għadd totali ta' benefiċjarji eliġibbli huwa ta' 260.

Deskrizzjoni tal-eventi li wasslu għas-sensji u għall-waqfien tal-attività

12. Is-sitwazzjoni finanzjarja u l-impjiegi f'Valmet Automotive, manifattur b'kuntratt tal-industrija tal-karozzi, dejjem kienet tiddependi minn kuntratti b'terminu fiss ma' manifatturi kbar tal-karozzi, u għalhekk kienet soġġetta għal fluttwazzjonijiet.

13. Minħabba t-tnaqqis globali fl-industrija tal-karozzi li ilu għaddej diversi snin, il-kumpanija sabet diffikultajiet u kellha tnaqqas gradwalment il-persunal tagħha, minn ftit inqas minn 3 200 fil-bidu tas-snin 2020 għal madwar 1 300 qabel l-aħħar sensji[6].

14. Wara li ntemm il-kuntratt għall-produzzjoni ta' żewġ mudelli ma' Mercedes-Benz fl-2025, il-fabbrika ma kellhiex aktar ordnijiet, u b'hekk iġġiegħlet tnaqqas il-persunal. Fin-negozjati ta' kooperazzjoni f'Novembru 2025, il-kumpanija ħabbret li kienet se tkeċċi massimu ta' 235 persuna u tagħti s-sensja temporanjament lil 860 persuna. Is-sitwazzjoni diffiċli tal-kumpanija naturalment affettwat ukoll il-katina tas-sottokuntrattar kollha.

Impatt mistenni tas-sensji fir-rigward tal-ekonomija lokali, reġjonali jew nazzjonali u tal-impjiegi

15. Is-sensji fuq skala kbira l-ġodda fil-fabbrika tal-karozzi Valmet Automotive Uusikaupunki, li hija bil-bosta l-akbar impjegatur tar-reġjun, laqtu ħażin lir-reġjun kollu. Id-dipendenza qawwija fuq l-impjant tal-karozzi fis-subreġjun ta' Vakka-Suomi toħloq sfidi sinifikanti għas-sitwazzjoni diġà diffiċli fir-reġjun.

---

6 Il-gazzetta *Turun Sanomat*, it-12 ta' Novembru 2025.

16. Ir-rata tal-qgħad f'Vakka-Suomi żdiedet għal 12,2 % f'Diċembru 2025, 1,7 punt perċentwali ogħla mis-sena ta' qabel[7]. Fost iż-żgħażagħ li qed ifittxu impjieg (taħt l-età ta' 25 sena), ir-rata tal-qgħad laħqet 17,3 %, żieda ta' 4,2 punti perċentwali minn sena għal oħra[8].

17. Bħala reġjun immexxi mill-esportazzjoni, Länsi-Suomi sofra aktar minn reġjuni oħra minħabba l-fluttwazzjonijiet u l-inċertezzi fl-ekonomija globali. Ir-rata ta' tkabbir tal-qgħad f'Länsi-Suomi kienet it-tielet l-aktar għolja fil-pajjiż, u l-qgħad żdied bi kważi 15 % mill-2024 sal-2025[9]. Ir-rata tal-qgħad, 12,3 % f'Diċembru 2025, għadha taħt il-medja nazzjonali. Madankollu, l-għadd ta' persuni qiegħda fit-tul kiber għall-ogħla livelli fl-istorja, b'żieda ta' 39 % mill-2024[10]. Fil-pajjiż kollu, il-qgħad żdied b'mod kostanti u laħaq 13,0 % f'Diċembru 2025[11], u d-domanda għall-ħaddiema naqset matul dawn l-aħħar sentejn.

18. Is-sitwazzjoni tal-akbar kumpaniji fir-reġjun hija relattivament stabbli, peress li ħafna kumpaniji jkomplu juru r-rieda li jinvestu u jsegwu t-tkabbir. Uħud mill-ħaddiema li ngħataw is-sensja minn Valmet Automotive jistgħu possibbilment isibu impjieg f'kumpaniji oħra fir-reġjun permezz ta' taħriġ jew ta' miżuri ta' appoġġ oħra.

19. Valmet Automotive fittxet li tespandi l-operazzjonijiet tagħha f'oqsma ġodda. Hija ffirmat ittra ta' intenzjoni ma' Patria, il-kumpanija ewlenija tat-teknoloġija tad-difiża tal-Finlandja, u rċeviet ordni żgħira għall-assemblaġġ ta' vetturi blindati. Jekk Valmet Automotive tirnexxi fit-tranżizzjoni tagħha lejn it-teknoloġija tad-difiża u tas-sigurtà, il-kumpanija jaf tkun kapaċi tirrekluta mill-ġdid porzjon konsiderevoli tal-impjegati ssensjati tagħha. Għalhekk huwa essenzjali kemm għall-kumpanija kif ukoll għar-reġjun ta' Uusikaupunki li jżommu l-kapaċità ta' ħidma ta' dawn il-persuni u li jżommuhom u l-familji tagħhom fir-reġjun. Dan huwa partikolarment importanti għall-ħaddiema immigranti li għandhom permess ta' residenza relatat max-xogħol.

20. Il-belt ta' Turku, li tinsab madwar 70 km minn Uusikaupunki, hija ċentru ewlieni għall-industrija marittima, li għandha domanda kostanti għal speċjalisti tekniċi. Fost il-ħaddiema li ngħataw is-sensja minn Valmet Automotive, ħafna rnexxielhom isibu impjieg ġdid fl-industrija marittima permezz ta' gwida esperta jew ta' taħriġ supplimentari ta' speċjalizzazzjoni. Il-pakkett ta' appoġġ tal-FEG huwa mfassal biex jgħin lill-ħaddiema ssensjati jallinjaw il-ħiliet tagħhom mad-domanda għall-ħiliet tal-impjegaturi fir-reġjuni ta' Uusikaupunki u ta' Turku.

Applikazzjoni tal-Qafas tal-Kwalità tal-UE għall-antiċipazzjoni tal-bidla u r-ristrutturar (QFR)

21. Il-Finlandja ddeskriviet kif tqiesu r-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fil-Qafas ta' Kwalità tal-UE għall-antiċipazzjoni tal-bidla u tar-ristrutturar. L-appoġġ tal-FEG huwa mfassal biex ikun konsistenti mal-Qafas ta' Kwalità tal-UE billi jsaħħaħ l-intervent bikri, il-miżuri attivi tas-suq tax-xogħol u l-pakketti ta' appoġġ ikkoordinati. Il-kumitat ta' monitoraġġ għall-programm, li jikkonsisti f'rappreżentanti tal-ministeri, tar-reġjuni u tas-sħab soċjali, jissorvelja l-implimentazzjoni, l-effettività u l-allinjament mal-objettivi strateġiċi, filwaqt li

7 Statistics Finland: Työttömien työnhakijoiden osuus työvoimasta kk:n lopussa
8 Statistics Finland: Alle 25-vuotiaiden työttömien työnhakijoiden osuus alle 25-vuotiaasta työvoimasta
9 Statistics Finland: Työnvälitystilasto
10 Statistics Finland: Työnvälitystilasto
11 Statistics Finland: Työnvälitystilasto

jiżgura li l-fondi tal-UE u r-riżorsi nazzjonali jintużaw b'mod komplementari u kkoordinat.

22. Fir-rigward tal-attivitajiet imwettqa biex jassistu lill-ħaddiema ssensjati, il-Finlandja rrapportat li s-servizzi tal-impjiegi offruti lill-ħaddiema ssensjati bdew dakinhar li nħarġu l-avviżi ta' terminazzjoni, inklużi, pereżempju, diversi sessjonijiet ta' informazzjoni u konsulenza individwali. L-ewwel taħriġ għat-tfittix ta' impjieg għall-eks ħaddiema ta' Valmet Automotive beda fit-23 ta' Marzu 2026.

Komplementarjetà mal-azzjonijiet iffinanzjati minn fondi nazzjonali jew tal-Unjoni

23. Il-Finlandja kkonfermat li l-miżuri deskritti hawn taħt li jirċievu kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG ma humiex se jirċievu wkoll kontribuzzjonijiet finanzjarji minn strumenti finanzjarji oħra tal-Unjoni.

24. Il-pakkett koordinat ta' servizzi personalizzati jikkomplementa azzjonijiet iffinanzjati minn fondi nazzjonali jew tal-UE oħrajn.

Proċeduri għall-konsultazzjoni tal-benefiċjarji fil-mira jew tar-rappreżentanti tagħhom jew tas-sħab soċjali kif ukoll tal-awtoritajiet lokali u reġjonali

25. Il-Finlandja indikat li l-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati tfassal f'konsultazzjoni ma' esperti u mas-sħab soċjali, f'konformità mal-Artikolu 7(4) tar-Regolament (UE) 2021/691. L-appoġġ tal-FEG ilu jiġi diskuss fil-grupp ta' tmexxija reġjonali għal bidliet strutturali f'daqqa, bl-involviment tal-partijiet ikkonċernati reġjonali u tal-Ministeru tal-Affarijiet Ekonomiċi u l-Impjiegi, minn Diċembru 2025. Intlaħaq qbil dwar il-pakkett ta' miżuri finali f'laqgħa mas-servizzi pubbliċi tal-impjieg u mar-rappreżentanti tal-impjegati u tal-impjegaturi fl-4 ta' Mejju 2026.

Benefiċjarji fil-mira u miżuri proposti

Benefiċjarji fil-mira

26. L-għadd stmat ta' ħaddiema ssensjati li mistennija jipparteċipaw fil-miżuri huwa 233. Skont l-Artikolu 8(7), il-punt (f), tar-Regolament (UE) 2021/691, id-diżaggregazzjoni pprovduta ta' dawn il-ħaddiema skont il-ġeneru, il-grupp ta' età u l-livell edukattiv hija kif ġej:

Kategorija		Għadd ta' benefiċjarji mistennija	
Ġeneru:	Irġiel:	164	(70,4 %)
	Nisa:	69	(29,6 %)
	Mhux binarji	0	(0,0 %)
Grupp ta' età:	Taħt it-30 sena:	19	(8,1 %)
	Bejn it-30 u l-54 sena:	150	(64,4 %)
	Iktar minn 54 sena:	64	(27,5 %)
Livell ta' edukazzjoni	Edukazzjoni sekondarja tal-ewwel livell jew	49	(21,0 %)

inqas[12]		
Edukazzjoni sekondarja tat-tieni livell[13] jew postsekondarja[14]	173	(74,2 %)
Edukazzjoni terzjarja[15]	11	(4,7 %)

Miżuri proposti

27. Skont l-Artikolu 8(7), il-punt (h), tar-Regolament (UE) 2021/691, il-pakkett koordinat personalizzat li jrid jiġi pprovdut lill-ħaddiema ssensjati jikkonsisti mill-miżuri li ġejjin:

– Taħriġ għat-tfittix ta' impjieg: Il-parteċipanti jirċievu informazzjoni dwar is-servizzi ta' appoġġ disponibbli għal dawk li qed ifittxu impjieg, u taħriġ biex ifasslu r-riintegrazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol. Se jipprattikaw kif japplikaw għall-impjiegi billi jfasslu jew jaġġornaw is-CVs tagħhom u jiktbu applikazzjonijiet għal impjieg reali. Se jitwettqu intervisti personali b'valutazzjoni tas-sitwazzjoni minn esperti ddedikati għall-proġett. Se tingħata attenzjoni speċjali lil dawk il-parteċipanti li għandhom bżonn isaħħu l-ħiliet diġitali tagħhom biex itejbu l-ħiliet tagħhom ta' tiftix ta' impjieg u/jew il-pożizzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol.

– Taħriġ dwar ix-xogħol u l-karriera: It-taħriġ dwar ix-xogħol joffri gwida ġenerali għat-tiftix ta' impjieg, iżda jista' jinkludi wkoll kowċ personali li jipprovdi assistenza personalizzata. Fit-taħriġ dwar il-karriera, jingħata appoġġ personalizzat lill-parteċipanti biex jgħinhom jippjanaw il-karriera tax-xogħol tagħhom, inklużi bidliet possibbli fil-karriera jew fis-settur, bl-immappjar tal-kompetenzi/tal-ħiliet meħtieġ. Jekk ikun meħtieġ, jistgħu jiġu pprovduti programmi ta' appoġġ aktar fit-tul, b'eżerċizzji bbażati fuq gruppi. Dawn jistgħu jinkludu wkoll perjodi introduttorji f'post tax-xogħol wieħed jew aktar.

– Taħriġ vokazzjonali: L-għan tat-taħriġ vokazzjonali huwa li jinkisbu ħiliet li jappoġġaw it-tranżizzjoni lejn settur ġdid b'rata ta' impjieg għolja.

– Karti ta' sikurezza u kompetenza okkupazzjonali: Il-karti ta' sikurezza u kompetenza okkupazzjonali huma ċertifikati ta' profiċjenza rikonoxxuti fil-livell nazzjonali f'diversi ħiliet relatati mas-sikurezza. Dawn il-karti jistgħu jinkisbu billi jintemmu kors ta' tagħlim u test standardizzat.

– Taħriġ lingwistiku: Se jiġi pprovdut taħriġ fil-lingwa Finlandiża orjentat lejn is-suq tax-xogħol lil dawk il-benefiċjarji li l-profiċjenza tagħhom fil-Finlandiż ma hijiex biżżejjed biex isibu impjieg mill-ġdid malajr.

– Għotja biex jinbeda negozju: L-għotja biex jinbeda negozju tiżgura introjtu għal imprenditur aspiranti matul iż-żmien stmat li hu meħtieġ biex jitnieda u jitwaqqaf negozju full-time, sa massimu ta' 12-il xahar.

12 ISCED 0–2
13 ISCED 3
14 ISCED 4
15 ISCED 5–8

– Inċentivi u benefiċċji: Is-sussidji tal-pagi jbaxxu l-livell limitu ta' reklutaġġ billi jnaqqsu l-ispejjeż tal-pagi tal-impjegatur il-ġdid. L-għan huwa li l-persuni li qed ifittxu impjieg jiġu megħjuna jtejbu l-kompetenza professjonali tagħhom fis-suq tax-xogħol miftuħ. L-ammont tas-sussidju tal-paga huwa ġeneralment 50 % tal-ispejjeż tal-pagi; id-durata tal-perjodu sussidjat jiddependi mid-durata tal-perjodu tal-qgħad preċedenti.

28. Firxa ta' taħriġ fl-ICT u appoġġ addizzjonali, ibbażati fuq valutazzjoni inizjali tal-livell tal-ħiliet diġitali tal-benefiċjarji, jippermettu t-tixrid tal-ħiliet meħtieġa fl-era industrijali diġitali u f'ekonomija effiċjenti fir-riżorsi, kif meħtieġ mill-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) 2021/691.

29. L-azzjonijiet proposti u deskritti hawnhekk, huma magħmula minn miżuri ta' politika attiva tas-suq tax-xogħol fl-ambitu tal-azzjonijiet eliġibbli stipulati fl-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2021/691. Dawn l-azzjonijiet ma jiħdux post il-miżuri passivi ta' protezzjoni soċjali.

30. Il-Finlandja pprovdiet l-informazzjoni meħtieġa dwar il-miżuri li huma obbligatorji għall-intrapriża kkonċernata permezz tal-liġi nazzjonali jew skont il-ftehimiet kollettivi. F'konformità mal-Artikolu 9(1) tar-Regolament (UE) 2021/691, il-Finlandja kkonfermat li dawn il-miżuri ma humiex se jiġu sostitwiti b'kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG.

Baġit stmat

Il-kostijiet totali stmati huma ta' EUR 683 850, li jinkludu nefqa ta' EUR 663 850 għal servizzi personalizzati u nefqa ta' EUR 20 000 għal attivitajiet ta' tħejjija, ta' ġestjoni, ta' informazzjoni u pubbliċità, ta' kontroll u ta' rapportar.

31. Il-kontribuzzjoni finanzjarja totali mitluba mill-FEG hija EUR 410 310 (60 % tal-kostijiet totali).

32. Skont l-Artikolu 8(7), il-punt (m), tar-Regolament (UE) 2021/691, il-Finlandja speċifikat li l-prefinanzjament u l-kofinanzjament nazzjonali huma pprovduti minn Turku Employment Region.

Miżuri	Għadd stmat ta' parteċipanti	Kost stmat għal kull parteċipant *(EUR)*[16]	Kostijiet totali stmati *(EUR)*[17]
Servizzi personalizzati (miżuri skont l-Artikolu 7(2), it-tieni subparagrafu, il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2021/691)			
Taħriġ għat-tfittix ta' impjieg	233	968	225 600
Taħriġ dwar ix-xogħol u l-karriera	70	675	47 250

[16] Biex jiġu evitati d-deċimali, il-kostijiet stmati għal kull ħaddiem ġew ittondjati. Madankollu, l-ittondjar ma għandu l-ebda impatt fuq il-kost totali ta' kull miżura, li jibqa' bħalma hemm fl-applikazzjoni sottomessa mill-Finlandja.

[17] It-totali ma jaqblux minħabba l-ittondjar.

Taħriġ professjonali	16	5 000	80 000
Karti ta' sikurezza u kompetenza okkupazzjonali	20	150	3 000
Taħriġ tal-lingwa	40	750	30 000
Għotja biex jinbeda negozju	5	9 600	48 000
Subtotal (a): Perċentwal tal-pakkett ta' servizzi personalizzati	–		433 850 (65,35 %)
Benefiċċji u inċentivi (miżuri skont l-Artikolu 7(2), it-tieni subparagrafu, il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2021/691)			
Sussidju tal-pagi	23	10 000	230 000
Subtotal (b): Perċentwal tal-pakkett ta' servizzi personalizzati	–		230 000 (34,65 %)
Attivitajiet skont l-Artikolu 7(5) tar-Regolament (UE) 2021/691			
1. Attivitajiet ta' tħejjija	–		2 000
2. Ġestjoni	–		12 000
3. Informazzjoni u pubbliċità	–		5 000
4. Kontroll u rapportar	–		1 000
Subtotal (c): Perċentwal tal-kostijiet totali:	–		20 000 (2,92 %)
Kostijiet totali (a + b + c):	–		683 850
Kontribuzzjoni tal-FEG (60 % tal-kostijiet totali)	–		410 310

33. Il-kostijiet tal-miżuri identifikati fit-tabella ta' hawn fuq bħala miżuri skont l-Artikolu 7(2), it-tieni subparagrafu, il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2021/691 ma jaqbżux il-35 % tal-kostijiet totali tal-pakkett koordinat ta' servizzi personalizzati. Il-Finlandja kkonfermat li dawn il-miżuri huma kondizzjonali għall-parteċipazzjoni attiva tal-benefiċjarji fil-mira f'attivitajiet ta' tiftix ta' impjieg jew ta' taħriġ.

34. F'konformità mal-Artikolu 7(2), ir-raba' subparagrafu, tar-Regolament (UE) 2021/691, il-Finlandja kkonfermat li l-kostijiet tal-investimenti għall-impjieg indipendenti, għall-intrapriżi start-up u għall-akkwiżizzjoni maġġoritarja mill-impjegati ma humiex se jaqbżu t-EUR 22 000 għal kull benefiċjarju.

Perjodu ta' eliġibbiltà tan-nefqa

35. Il-Finlandja bdiet tipprovdi s-servizzi personalizzati lill-benefiċjarji fil-mira fit-23 ta' Marzu 2026. Għalhekk, in-nefqa fuq il-miżuri se tkun eliġibbli għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG mit-23 ta' Marzu 2026 sa 24 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni ta' Finanzjament.

36. Il-Finlandja bdiet iġġarrab in-nefqa amministrattiva biex timplimenta l-FEG fit-23 ta' Marzu 2026. Għalhekk, in-nefqa għal attivitajiet ta' tħejjija, ta' ġestjoni, ta' informazzjoni u ta' pubbliċità, ta' kontroll u ta' rapportar għandha tkun eliġibbli għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG mit-23 ta' Marzu 2026 sa 31 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni ta' Finanzjament.

Sistemi ta' ġestjoni u kontroll

37. L-applikazzjoni fiha deskrizzjoni tas-sistema ta' ġestjoni u kontroll meħtieġa skont l-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) 2021/691, li tispeċifika r-responsabbiltajiet tal-korpi involuti. Il-Finlandja nnotifikat lill-Kummissjoni li l-kontribuzzjoni finanzjarja se tkun ġestita u kkontrollata mill-Ministeru tal-Affarijiet Ekonomiċi u l-Impjiegi, mill-istess unitajiet li jaġixxu bħala l-awtorità ta' ġestjoni u ta' ċertifikazzjoni għall-FSE+ fil-Finlandja. L-awditu intern indipendenti taħt l-awtorità tas-Segretarju Permanenti tal-Ministeru tal-Affarijiet Ekonomiċi u l-Impjiegi jaġixxi bħala l-awtorità tal-awditjar għall-FEG.

Impenji pprovduti mill-Istat Membru kkonċernat

38. Il-Finlandja tat l-assigurazzjonijiet kollha meħtieġa fir-rigward ta' dan li ġej:

- Il-prinċipji tat-trattament ugwali u tan-nondiskriminazzjoni se jiġu rispettati fl-aċċess għall-miżuri proposti u għall-implimentazzjoni tagħhom.
- Ir-rekwiżiti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-UE dwar is-sensji kollettivi jkunu ġew issodisfati.
- Kwalunkwe finanzjament doppju se jiġi prevenut.
- Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG se tikkonforma mar-regoli proċedurali u materjali tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat.

IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Proposta baġitarja

39. Il-FEG ma għandux jaqbeż ammont annwali massimu ta' EUR 30 miljun (fi prezzijiet tal-2018), kif stabbilit fl-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027[18].

40. Wara li eżaminat l-applikazzjoni fir-rigward tal-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 13(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2021/691, u wara li qieset l-għadd ta' benefiċjarji fil-mira, il-miżuri proposti u l-kostijiet stmati, il-Kummissjoni tipproponi li jiġi mmobilizzat il-FEG għall-ammont ta' EUR 410 310, li jirrappreżenta 60 % tal-kostijiet totali tal-miżuri proposti, sabiex tingħata kontribuzzjoni finanzjarja għall-applikazzjoni.

[18] ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 11, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2020/2093/oj.

41. Id-deċiżjoni proposta għall-mobilizzazzjoni tal-FEG se tittieħed b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill skont l-Artikolu 15(1), l-ewwel subparagrafu, it-tieni sentenza, tar-Regolament (UE) 2021/691, u kif stabbilit fil-punt 9 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda[19].

Atti relatati

42. Fl-istess waqt li tippreżenta din il-proposta għal deċiżjoni biex jiġi mmobilizzat il-FEG, il-Kummissjoni se tippreżenta proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għal trasferiment tal-ammont ta' EUR 410 310 għal-linja baġitarja rilevanti.

43. Fl-istess waqt li adottat din il-proposta għal deċiżjoni biex jiġi mobilizzat il-FEG, il-Kummissjoni adottat deċiżjoni dwar kontribuzzjoni finanzjarja li tikkostitwixxi deċiżjoni ta' finanzjament skont it-tifsira tal-Artikolu 110 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509[20]. Dik id-deċiżjoni ta' finanzjament se tidħol fis-seħħ fid-data li fiha l-Kummissjoni tiġi nnotifikata bl-approvazzjoni tat-trasferiment baġitarju mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill skont l-Artikolu 15(2), l-ewwel subparagrafu, tar-Regolament (UE) 2021/691.

[19] ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 28, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2020/1222/oj.

[20] Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni), ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj.

2026/0220 (BUD)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati wara applikazzjoni mill-Finlandja – EGF/2026/003 FI/Valmet Automotive

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (UE) 2021/691 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013[21], u b'mod partikolari l-Artikolu 15(1), l-ewwel subparagrafu, tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda[22], u b'mod partikolari l-punt 9 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) għandu l-għan li juri solidarjetà u li jippromwovi impjiegi diċenti u sostenibbli fl-Unjoni billi jipprovdi appoġġ għall-ħaddiema ssensjati u għal dawk b'impjieg indipendenti li l-attività tagħhom tkun waqfet fil-każ ta' eventi ta' ristrutturar kbar u billi jassistihom jirritornaw għal impjieg diċenti u sostenibbli mill-iktar fis possibbli.

(2) Il-FEG ma jistax jaqbeż l-ammont annwali massimu ta' EUR 30 miljun (fi prezzijiet tal-2018), kif stabbilit fl-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093[23] u fl-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) 2021/691.

(3) Fil-5 ta' Mejju 2026, il-Finlandja ssottomettiet applikazzjoni għall-mobilizzazzjoni tal-FEG f'konformità mal-Artikolu 8(1) tar-Regolament (UE) 2021/691, fir-rigward tas-sensji tal-ħaddiema f'Valmet Automotive u f'ħames sottokuntratturi u fornituri fil-Finlandja. Din ġiet issupplimentata b'informazzjoni addizzjonali pprovduta f'konformità mal-Artikolu 8(5) tar-Regolament (UE) 2021/691. Dik l-applikazzjoni titqies li tikkonforma mal-kundizzjonijiet għall-għoti ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG kif stabbilit fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2021/691, abbażi tal-

[21] ĠU L 153, 3.5.2021, p. 48, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/691/oj.
[22] ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 28, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2020/1222/oj.
[23] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 11, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2020/2093/oj).

valutazzjoni li saret mill-Kummissjoni fil-Proposta għal deċiżjoni ta' mobilizzazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[24].

(4) Għalhekk, jenħtieġ li jiġi mmobilizzat il-FEG biex jipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja ta' EUR 410 310 fir-rigward tal-applikazzjoni sottomessa mill-Finlandja.

(5) Sabiex jitnaqqas kemm jista' jkun iż-żmien li jittieħed għall-mobilizzazzjoni tal-FEG, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tapplika mid-data tal-adozzjoni tagħha,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni għas-sena finanzjarja 2026, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati għandu jiġi mmobilizzat biex jipprovdi l-ammont ta' EUR 410 310 f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Għandha tapplika minn [*id-data tal-adozzjoni tagħha*][*].

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*

[24] COM (2026) 400

[*] Id-data trid tiddaħħal mill-Parlament qabel il-pubblikazzjoni fil-ĠU.